KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 61

**It-Tnejn 18 ta' Settembru 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 61.1 Qari tal-Apoloġiji

61.1.1 Is-SE infurmat li kellha talba mill-Kunsillier Fenech u mill-Kunsillier Dr Attard biex jiġu skużati. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 60

61.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

61.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 60 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 61.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

61.3.1 Is-Sindku informa li IM kienu bdew ix-xogħol fuq Triq in-Narcis u r-rampa ta' Binja Buqana. Huwa informa li konna tlabnihom ukoll sabiex jagħmlulna biċċa bankina wara l-VC u possibbilment anke xogħol minħabba Ilma tax-xita fi Triq il-Pepprin. Is-Sindku informa li għandha ssir ukoll laqgħa magħhom dwar il-proġett tat-toroq.

61.3.2 Is-Sindku informa li l-għada s-SE kellha wkoll laqgħa mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-użu ta' fondi mid-DPF għall-proġett ta' Pjazza San Oswald.

### 61.4 *Updates* dwar il-proġett tal-*Visitors Centre*

61.4.1 Is-SE infurmat li l-maġġorparti tal-M&E's u ELV's issa huma lesti u nbeda x-xogħol tal-kisi tal-binja mill-kuntrattur tal-Finishes. Se jinbeda x-xogħol ukoll fuq l-istruttura tas-soffitti biex hekk kif l-inġinier tal-Kunsill tikkonferma kollox, isir il-kisi tiegħu.

61.4.2 Fuq wara tal-VC kienu se jsiru xi trinek għall-elettriku u servizzi oħra u mbagħad se ssir bankina ġdida minn IM sabiex ix-xogħol ikun lest għall-inawgurazzjoni.

61.4.3 Is-SE infurmat li ġabet xi kwotazzjonijiet għal banda għall-inawgurazzjoni. Kien hemm qbil li minħabba li Tikka Banda ma kellhomx bżonn ta' pletform, għandhom jintagħżlu huma ħalli jinżammu l-ispejjeż aktar baxxi.

61.4.4 Is-SE infurmat li kienet mexxiet bit-tħejjija ta' poster għall-esibizzjoni tal-fotografija bit-tema tal-Imtarfa.

61.4.5 Is-SE staqsiet jekk il-Kunsill jaqbilx li jingħata rikonoxximent lill-erba' voluntiera li jieħdu ħsieb l-arloġġ kif ukoll lil dawk li se jipparteċipaw fl-esibizzjoni. Il-Kunsill qabel.

61.4.6 Is-SE infurmat li kif qabel il-Kunsill, kienet avviċinat lil sid ir-restaurant Tokki sabiex jieħu ħsieb l-ikel għal madwar 250 persuna kif ukoll lil sid l-Imtarfa Club House biex jieħu ħsieb id-drinks u l-inbid. Hija infurmat ukoll li kienet għamlet talba għall-voluntiera mal-iscouts biex

jiġu jqassmu l-ikel u bħala ringrazzjament kienu se jingħataw voucher għal ikla kull wieħed biex itellgħuh lotterija.

61.4.7 Is-SE infurmat li saret laqgħa oħra mal-kuntrattur li qed jieħdu ħsieb il-filmat. Il-ġimgħa d-dieħla kien se jingħata bidu għall-filming biex imbagħad isir l-editing finali.

## 61.5 Punti Oħra

61.5.1 Is-SE infurmat li s-servizz b'direct order tal-kuntratt tal-ġardinar kien ingħata bidu fil-ġimgħa ta' qabel u kienu qed jintbagħtu żewġ ħaddiema għal ġurnata sħiħa biex itellgħu x-xogħol.

61.5.2 Fir-rigward tat-*tenders* sfortunatament ma kinux għadhom ġew ippubblikati għaliex il-persuna li tieħu ħsieb kienet l-isptar. Min-naħa l-oħra kien wegħdha li għandu jaħdem fuqhom biex jippubblikawhom fl-iqsar żmien possibbli.

61.5.3 Fir-rigward tas-servizz għal ġbir ta' skart goff il-Kunsill kien beda jaħdem b'*direct order* oħra għal prezz inqas milli talabna l-kuntrattur tal-Kunsill.

61.5.4 Fir-rigward tas-servizz tal-knis, is-SE infurmat li l-ittra ta' Clean Malta kienet intbagħtet.

61.5.5 Is-SE infurmat li l-periti u l-inġinier kienu għaddew l-informazzjoni għall-offerti għall-foresta tal-frott u kienet se tieħu ħsieb li tgħaddi kollox lil Project Green għall-evalwazzjoni tagħhom. Hija infurmat li mill-estimi jidher li l-proġett seta' jitla' għal madwar €2,000,000.

61.5.6 Is-SE infurmat li l-applikazzjoni għall-fondi tal-UE mal-Litwanja, il-Portugall u l-Montenegro kienet iddaħħlet.

61.5.7 Kienet għaddiet talba lid-DLG għal ingaġġ ġdid għal skrivana flok EO u anke għal Cleaner fuq bażi P/T. Id-deadline kienet dakinhar u minn l-għada kienet tkun qed tistenna l-lista mingħand Jobsplus.

61.5.8 Is-SE infurmat li kienu ġew ippubblikati l-offerti għall-pjazza u kienet saret anke laqgħa mal-bidders prospettivi. Kien hemm 2 li kienu preżenti għal-laqgħa.

61.5.9 Is-SE għamlet talba sabiex tmexxi 100 siegħa VL għas-sena suċċessiva. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

61.5.10 Is-SE infurmat li fit-tieni weekend ta' Ottubru kienet se tinżamm l-attività tal-ġbir ta' żebbuġ u għaldaqstant ħeġġet lill-Kunsilliera kollha biex jattendu.

## 61.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

61.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 09/2023), kopja tagħha mehmuża.

61.11.2 Il-Viċi Sindku proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud ssekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 61.12 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

61.12.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:00pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 16 ta' Ottubru 2023 fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tnejn 16 ta' Ottubru 2023.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv